# *Parroċċa Qalb Bla Tebgħa*

# *Ta' Marija, Burmarrad*

## 50 Sena Konsagrazzjoni Tal-Knisja Parrokkjali 1964-2014



*LEĦEN IL-PARROĊĊA - Novembru 2014 - Nru. 380*



# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Bdejna dan ix-xahar ta' Novembru fejn il-Knisja fakkritna fil-Festa tal-Qaddisin kollha. Dawn il-Qaddisin li huma fis-sema kontinwament isegwuna u jidħlu għalina quddiem il-Missier. Huma jitolbu għalina sabiex aħna fuq l-eżempju tagħhom inkomplu l-mixja tagħna filwaqt li nagħmlu r-rieda t'Alla, sakemm aħna wkoll ningħaqdu magħhom fis-Saltna.

Għalhekk tajjeb li nieqfu ftit u nistaqsu lilna nfusna dwar x'nimmaġinaw li huma l-Ġenna u l-Infern, li huma realtajiet spiritwali u mhux postijiet fiżiċi. Huma esperjenza li l-bniedem jgħix bħala konsegwenza tal-għażliet u d-deċiżjonijiet li hu jkun ħa f'ħajtu. Dawn l-esperjenzi ma jibdewx wara l-mewt, imma jibdew f'din id-dinja stess u jkomplu wara l-mewt. Il-Ġenna nistgħu nibdew ngħixuha minn issa, filwaqt li anki l-Infern hawn min beda jgħixu minn issa. Alla jirrispetta l-liberta' tal-bniedem.

Dawn ir-realtajiet li semmejt ftit 'il fuq ngħixuhom minn din id-dinja stess meta niddeċiedu li flok ngħixu l-ħajja tal-Imħabba, jiġifieri l-ħajja t'Alla, nagħżlu li ngħixu l-ħajja tal-egoiżmu, tal-mibgħeda u tal-firda. Kull fejn tidħol il-mibgħeda tidħol is-sofferenza tar-rabja u tas-solitudni u tal-biża'. Tkun ħajja bla Alla – l-infern! U kull fejn tidħol l-Imħabba jidħol il-ferħ tal-għaqda u tal-paċi u ta' liberta'. Tkun ħajja ma' Alla – il-Ġenna!

L-għażla hija f'idejna! Min jagħżel il-maħfra u l-Imħabba jkun qed jagħżel il-Ferħ tal-Ġenna li jibda f'din id-dinja u jkompli fl-oħra. Min jagħżel l-egoiżmu, il-firda u l-mibgħeda jkun qed jagħżel li jgħix fl-infern minn din id-dinja u jkomplih fl-oħra. L-għażla f'idi u f'idek!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# Taħdita fuq Tren



Aktar minn mitt sena ilu student tal-universita' poġġa bil-qegħda fuq tren maġenb raġel xiħ li kien qisu xi raħħal. Ix-xiħ kellu kuruna f'idejh u kien qiegħed jitlob ir-Rużarju. 'Sinjur, inti għadek temmen f'dawn l-antikitajiet?' saqsa l-istudent lix-xiħ. 'Iva għadni. Int m'għadekx?' wieġeb ix-xiħ. L-istudent infaqa' jidħak u qal: 'Jien ma nemminx fil-ħmerijiet. Ħa ntik parir. Armi dik il-kuruna barra t-tieqa, u tgħallem x'għandha xi tgħid ix-xjenza fuq din il-ħaġa'. 'Ix-xjenza? Jien ma nifhimhiex din ix-xjenza', qal ix-xiħ bl-umilta' kollha u bi ftit dmugħ f'għajnejh. L-istudent induna li x-xiħ kien imqanqal u biex ma jdejjqux qallu; 'Tini l-indirizz tiegħek u jien nibgħatlek xi artikli ħalli ngħinek'. Ix-xiħ daħħal idu fil-but tal-ġakketta u beda jipprova jsib il-*card* tiegħu. Taha lill-istudent, li xħin ħarsilha, baxxa rasu bil-mistħija u siket. Fuq il-card kien hemm: **Louis Pasteur, Direttur tal-Istitut għar-Riċerka Xjentifika, Pariġi.** Pasteur kien xjentist ġenju, imma xorta kien isib il-ħin għar-Rużarju, anki fuq it-tren quddiem in-nies. Meta hu miet xi snin wara, Pasteur kellu kuruna tar-Rużarju marbuta m'idu.

**Ix-xahar ta' Novembru jfakkarna fil-mejtin. Kull nhar t'Erbgħa, il-Ġimgħa u l-Ħadd fiċ-Ċimiterju jkun hemm ir-reċita tar-Rużarju li jibda fil-11.00am u l-Quddiesa fil-11.30am.**

**Il-Ħadd 2 ta' Novembru niċċelebraw it-Tifkira tal-Għeżież tagħna mejtin fiċ-Ċimiterju tal-Parroċċa. Fl-4.00pm tibda l-Quddiesa u jsir it-Tberik tal-oqbra. Jekk tkun ix-xita l-quddiesa ssir fil-Parroċċa tagħna fl-4.00pm. Il-quddies tas-6.15pm issir xorta.**

**Inħeġġukom biex iżżommu ċ-ċimiterju nadif u ma taħlux ilma għal xejn. Grazzi.**

# ĦAJJA U ĦIDMA - Novembru 2014

**Is-Sibt 1** **Jum is-Solennita' tal-Qaddisin Kollha**. Fit-8.30am quddiesa oħra. Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja tal-Ewwel Sibt tax-xahar. Niftakru biex inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna nfusna lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija.

Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l- librerija.

**Il-Ħadd 2** **Jum il-Mejtin kollha**. Fl-4.00pm Quddiesa kkonċelebrata mit-Tlett Parroċċi flimkien. Wara jsir it-Tberik u l-Inċensar tal-Oqbra. F'każ ta' maltemp il-quddiesa ssir fil-Parroċċa tagħna. Il-quddiesa tas-6.15pm fil-parroċċa tagħna ssir l-istess.

**L-Erbgħa 5** Fis-6.15pm – Konċelebrazzjoni mill-Komunita' Franġiskana bit-Talba tal-Għasar u bis-sehem tal-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija fejn infakkru l-Mejtin tal-Ordni Franġiskan kollu.

**Il-Ħamis 6** **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. 12.00pm Tluq minn fejn il-Knisja għall-adorazzjoni fis-Seminarju.

**Il-Ġimgħa 7** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-Konsagrazzjoni tagħna nfusna lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 8** Il-Quddies tas-6.15pm ser tkun imxandra dirett fuq Radju Marija.. Janima l-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija.

**Il-Ħadd 9** Fid-9.30am Il-Kumitat Festa ser joħroġ jiġbor bieb bieb b'risq il-Festa 2015. Inkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħna.

10.30am Laqgħa tal-Gruppi Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min jixtieq jista' jattendi. Il-bieb miftuħ għal kulħadd.

**L-Erbgħa 12** Wara l-quddiesa ta' filgħaxija ssir il-Lectio Divina.

**Il-Ġimgħa 14** Fis-7.30pm se tiġi organizzata Pizza Night fiċ-Ċentru Parrokkjali mill-Kumitat Festa. Ħallu isimkom fis-sagristija jew kellmu lill-helpers. Tħallux għall-aħħar.

**Il-Ħamis 20** Coffee Morning fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ħallu isimkom fis-sagristija jew kellmu lill-helpers.

**Il-Ħadd 23** Solennita' ta' Kristu Re. Wara nofs in-nhar issir ċelebrazzjoni Djoċesana. Dettalji fl-Avviżi tal-Parroċċa.

**It-Tlieta 25** Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Is-Sibt 29 u l-Ħadd 30** Ġabra speċjali tal-aħħar weekend tax-xahar b'risq il-Parroċċa tagħna.

**Is-Sibt 29** **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**. Fis-6.15pm Il-Quddiesa tkun animata mill-Kor Parrokkjali Ħlewwa ta' Marija.

# *Din Għalik*

Kieku Alla kellu fridge, ir-ritratt tiegħek kien ikun fuqha.

Kieku kellu portmoni, ir-ritratt tiegħek kien ikun fih.

Hu jibgħatlek il-fjuri kull rebbiegħa.

Hu jibgħatlek tlugħ ix-xemx kull filgħodu.

Kull meta jkollok aptit tkellmu, Hu jisma'.

Hu sid l-univers u jista' jgħix fih fejn irid, imma għażel li jgħix f'qalbek.

Ammettiha ħabib,

**Hu**

**miġnun**

**warajk!**



# *Id-Dnub tas-Seksik* *(Papa Franġisku)*

Is-seksik huwa arma qerrieda li qegħda thedded lill-komunita' nisranija u umana kuljum. Is-seksik jiżra' l-għira u l-ġlied għall-poter. Wassal ukoll għall-qtil. Ma nistgħux ngħixu fil-paċi jekk hemm ilsien kattiv. Anki Ġesu' kien vittma tas-seksik tan-nies tar-raħal tiegħu....

Dan ir-raġel min hu? Dan mhux iben Ġużeppi l-mastrudaxxa? U ommu mhux Marija?

Dan ma ġarax biss 2000 sena ilu. Dan jiġri kuljum f'qalbna, fil-komunitajiet tagħna. Għall-ewwel għandna mnejn nilqgħu lil xi ħadd ġdid fil-komunita' jew parroċċa tagħna u ngħidu kliem sabiħ fuqu, imbagħad jibda dieħel dak id-dudu qerried ġo moħħna, nibdew ngħidu kelma 'l hemm u 'l hawn kontrih, nibdew niżirgħu id-dubji dwaru mal-oħrajn sakemm fl-aħħar neqirdulu ġieħu u l-unur tiegħu. Min fil-komunita' tagħna jew parroċċa tagħna qiegħed iseksek kontra ħuh jew oħtu, qiegħed fil-verita' joqtlu. San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu jgħid li min jobgħod lil ħuh huwa qattiel.

U aħna tant drajna f'din it-tip ta' ħajja li ngħidu fuq in-nies, li nxerrdu l-għajdut, li qed inbiddlu l-komunitajiet tagħna kif ukoll il-familja tagħna f'infern fejn qed inwettqu delitti kontra ħutna bl-ilsien.

Il-Bibbja tgħid li x-xitan daħal fid-dinja permezz tal-għira. Familja jew komunita' tinqered minn din il-għira li x-xitan jibda billi jgħallem fil-qalb u jġiegħel lill-bniedem biex jgħid kontra ħuh. Il-gwerra ma tibdiex fil-kamp tal-battalja, imma tibda fil-qalb tal-bniedem. Biex ikollna l-paċi fil-familja, fil-komunita', fil-pajjiż, fid-dinja, hemm bżonn li nibdew inkunu mal-Mulej. U fejn hemm il-Mulej, m'hemmx għira, m'hemmx mibgħeda, m'hemmx kriminalita', imma hemm l-imħabba. Ejjew nitolbu dan mingħand il-Mulej: li qatt ma noqtlu lil ħuna bl-ilsien tagħna, u biex inkunu mal-Mulej kif se nkunu fil-Ġenna.

Lill-Efesin Pawlu jgħidilhom u jgħid lilna li m'għandha toħroġ minn fommna l-ebda kelma mhix xierqa, l-ebda kelma li teqred, imma għandu joħroġ kliem li jibni...kunu twajba u ħelwa ma' xulxin. U min jiltaqa' miegħek jew iċempillek biex jibda jgħidlek fuq ħuk jew oħtok, tisseħibx miegħu f'dan id-dnub, imma waqqfu u kkoreġieh bil-ħlewwa. Kemm ngħixu aktar fil-paċi u fil-ferħ kieku nieħdu dan il-kliem bis-serjeta'. Qatt mhu tard biex nibdew!

# Gruppi fi ħdan il-Parroċċa

Grupp KPAZ: Jiltaqgħu iż-żgħażagħ ta' wara l-Griżma kull nhar ta' Ġimgħa. P.Gorġ Buttiġieġ. Contact No. 99245138.

GRUFAN: Familji li jgħixu l-ispiritwalita' taż-Żwieġ fid-dawl tal-Iskrittura Mqaddsa u d-Dokumenti tal-Knisja. Jiltaqgħu darba fix-xahar. P.Joe Mamo. Contact Nos. 99457234/77622275.

Grupp LECTIO DIVINA: Għal kulħadd. Meditazzjoni fuq il-Kelma t'Alla b'applikazzjoni spiritwali u prattika. Jiltaqgħu darba fix-xahar. P.Joe Mamo. Contact Nos. 99457234/77622275.

Grupp ABBATINI: Tfal subien li jaqdu lil Ġesu' fuq l-artal. Ikollhom laqgħat spiritwali u dwar is-servizz madwar l-artal. Ikollhom ukoll attivitajiet soċjali. Jiltaqgħu kull nhar ta' Sibt filgħodu fil-10.45am. P.Gorġ Buttiġieġ. Contact No. 99245138.

Kor Parrokkjali ĦLEWWA TA' MARIJA. Għal kulħadd. Janimaw il-Festi prinċipali u oħrajn fil-Knisja Parrokkjali. Christine Spiteri. Contact No. 79063372. Rodney Żammit. Contact No. 99826012.

LEGION OF MARY Seniors. L-iskop huwa li jwasslu lill-oħrajn lejn Ġesu' permezz ta' Marija. Jiltaqgħu kull nhar ta' Tlieta fid-9.00am. Carmen Borg. No. 27578075.

LEGION OF MARY Juniors. Tfal bniet li jiltaqgħu biex ikunu jafu aktar dwar il-Madonna. Jiltaqgħu kull nhar ta' Erbgħa fl-4.30pm. Anna Grech. No. 21573305.

Grupp ĊENAKLU. Dan il-grupp jiltaqa' darba fil-ġimgħa kull nhar ta' Erbgħa fid-9.00am fid-djar fejn jitolbu flimkien it-talba tar-Ružarju b'mod meditat u jinqraw ukoll il-messaġġi tal-Madonna. Connie Bonġiovanni. Contact No. 21433358.

Grupp TINDIF tal-Knisja. Jiltaqgħu kull nhar ta' Tlieta filgħodu fis-7.30am sabiex id-Dar t'Alla tkun nadifa kif jixirqilha. Tessie Sant. Contact No. 21582615.

2 Gruppi tal-KITARRI. Jiltaqgħu sabiex janimaw il-quddies tal-Weekend u ta' xi okkażjonijiet oħra.

Grupp Rising Sun. Roberta Attard. Contact No. 99228175.

Grupp Creations. Carmen Schembri. Contact No. 79272418.

Grupp ŻGĦAŻAGĦ FESTA u ARMAR tal-Knisja. Jieħdu ħsieb li jiltaqgħu qabel il-Festi Prinċipali u dik Titulari f'dak li hu armar. Charlot Aġuis. Contact No. 99276822. P.Joe Mamo. Contact No. 99457234/77622275.

# Tajjeb Tkun Taf

- ❒ Infakkru fl-envelopes li fihom niżżiltu l-ismijiet tal-għeżież mejtin tagħkom, sabiex tgħadduhom lil xi Patri tal-Komunita' matul dan ix-xahar. Il-Quddiesa ta' kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija fil-Parroċċa tul ix-xahar ta' Novembru tkun offruta għalihom.

- ❒ L-Irtir ta' żmien l-Avvent ser isir nhar il-Ħadd 7 ta' Diċembru 2014 bejn id-9.30am u 12.00pm. L-irtir jispiċċa bil-quddiesa li tibda fil-11.00am. Imexxi P.Thomas Calleja ofm.Conv. Titilfux din l-okkażjoni!

- ❒ Prosit u grazzi lil kulħadd tas-sehem fl-attivita' ta' Jumejn għall-Familja li saret fiċ-Ċentru Parrokkjali nhar is-Sibt 11 u l-Ħadd 12 t'Ottubru.

- ❒ Niftakru b'għożża u apprezzament fis-Soċju tal-Mużew Lino Portelli li l-Mulej sejjaħlu biex jagħtih il-Premju Etern il-Ġimgħa 10 t'Ottubru 2014. Għal diversi snin Lino kien jiġi fil-Mużew tas-Subien ta' biswit il-Kunvent tagħna jgħallem lit-tfal id-Duttrina. Grazzi Lino u l-Mulej jagħtik il-Mistrieħ ta' dejjem.

- ❒ GRAZZI lil maħbub Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona OP tal-ħidma li wettaq fl-Arċidjoċesi tagħna. Grazzi tal-eżempji u t-tagħlim li żera' fina. Żgur li m'aħniex se ninsew iż-żjajjar li għamel fil-Parroċċa tagħna matul dawn it-tmien snin. Nitolbu għalik.

- ❒ Mis-Solennita' ta' Kristu Re u tul l-Avvent kollu, ħdejn il-bibien tal-Knisja ser jitpoġġew qfief għall-oġġetti tal-ikel sabiex dawn jitqassmu għat-tfal li jinsabu fl-Istitut tal-Creche Tas-Sliema u anki għal xi familji fil-bżonn. Jintlaqgħu ukoll donazzjonijiet. Inkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħna.

- ❒ Se jerġa' jsir il-Breakfast wara l-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl fiċ-Ċentru Parrokkjali. Booking fis-sagristija jew mingħand il-helpers. Tħallux għall-aħħar.

**Tel: 21573045/ Fax:21578118 Mobile: 77622275**
**www.parroċċaburmarrad.com email:kappillan@parroċċaburmarrad.com**
**https://www.facebook.com/parroccaburmarrad**